MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Stqarrija

6 ta' Jannar 2020

# L-MFSA tippubblika Dikjarazzjonijiet dwar il-Kultura tar-Riskju u l-Aptit għar-Riskju biex issaħħaħ mentalità ffukata fuq ir-riskju fl-attivitajiet superviżorji u operattivi tagħha

- Id-Dikjarazzjonijiet dwar ir-riskju se jipprovdu identifikazzjoni, evalwazzjoni, immaniġġjar u komunikazzjoni aħjar tar-riskji u l-aptit tar-riskju tal-Awtorità
- Strateġija bbażata fuq ir-riskju se tippermetti lill-MFSA biex issir aktar reżiljenti u aktar effettiva filwaqt li partijiet terzi jistgħu jifhmu aħjar il-qafas tar-riskju tal-Awtorità
- L-MFSA tippubblika sett ta' mistoqsijiet u tweġibiet li jipprovdu informazzjoni addizzjonali

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta llum ippubblikat Dikjarazzjonijiet dwar il-Kultura tar-Riskju u l-Aptit għar-Riskju bħala parti mill-isforzi tagħha biex tpoġġi l-immaniġġjar tar-riskju fiċ-ċentru tal-istrateġija tagħha. Dawn id-Dikjarazzjonijiet għandhom l-għan li jiżguraw identifikazzjoni, evalwazzjoni, immaniġġjar u komunikazzjoni aħjar tal-istrateġija tal-Awtorità fil-konfront tar-riskju.

Id-Dikjarazzjoni tal-Kultura tar-Riskju tal-MFSA tipprovdi gwida dwar l-aqwa prattika u dwar il-programm ta' bidla fil-kuntest tal-Kultura tar-Riskju, filwaqt li d-Dikjarazzjoni dwar l-Aptit tar-Riskju tistabbilixxi l-limiti ta' livelli aċċettabbli ta' riskju f'oqsma ewlenin tal-attivitajiet tal-Awtorità bħala regolatur tas-servizzi finanzjarji.

"Biex naqdu aħjar ir-rwol tagħna tal-uniku regolatur tas-servizzi finanzjarji f'Malta, qed naħdmu biex inwettqu bidla li permezz tagħha nadottaw strateġija bbażata fuq ir-riskju, bl-għan li nsiru aktar reżiljenti, insaħħu l-effiċjenza operattiva u superviżorja u nindirizzaw prijoritajiet strateġiċi. Biex inibdlu l-kultura tar-riskju tagħna rridu ndaħħlu mentalità ffukata fuq ir-riskju fl-attivitajiet tal-Awtorità", iddikjara l-Kap Eżekuttiv tal-MFSA, Joseph Cuschieri.

Id-Dikjarazzjoni dwar l-Aptit tar-Riskju tal-MFSA turi l-aptit baxx għar-riskju li l-Awtorità għandha għar-riskju superviżorju. Din tiddikjara wkoll li l-MFSA qed tikkunsidra ċertu livell ta' tolleranza għar-riskju f'ċertu sitwazzjonijiet bl-għan li tippermetti l-innovazzjoni u aktar effiċjenza fir-rigward ta' mudelli kummerċjali speċifiċi, jew bl-għan li jintlaħqu l-missjoni, il-viżjoni u l-miri strateġiċi tal-MFSA.

"Id-Dikjarazzjoni dwar l-Aptit tar-Riskju tal-MFSA hija pass importanti lejn strateġija ta' immaniġġjar tar-riskju aktar soda u trasparenti għall-Awtorità", qal il-Kap tar-Riskju tal-MFSA, Franco Borg. "Billi nuru l-livell aċċettabbli ta' riskju b'mod ċar fi ħdan l-attivitajiet, il-maniġment u l-impjegati għandhom indikazzjonijiet ċari li jiggwidawhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet, filwaqt li *stakeholders* jistgħu jifhmu aħjar l-azzjonijiet tal-Awtorità fil-kuntest tar-riskji li taffaċċja".

Id-Dikjarazzjonijiet dwar il-Kultura tar-Riskju u l-Aptit għar-Riskju huma disponibbli fuq is-sit tal-MFSA.

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155
communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt

Nota ta' spjegazzjoni:

**Aptit għar-**Riskju

L-aptit għar-riskju tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta huwa definit bħala l-ammont tar-riskju (volatilità tar-riżultati mistennija) li l-Awtorità hi lesta taċċetta bħala parti mill-missjoni tagħha u fit-twettiq tal-funzjoni tagħha bħala regolatur tas-servizzi finanzjarji.

Kultura tar-Riskju:

Il-kultura tar-riskju tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta tiddeskrivi s-sett ta' attitudnijiet, valuri u mġieba kollettiva li jikkaratterizzaw kif l-Awtorità u l-persionał tagħha jikkunsidraw ir-riskju fl-attivitajiet tagħhom ta' kuljum. L-MFSA timmira li tibni kultura ta' riskju pożittiva.

## DWAR L-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta, li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjoniiet. Mis-sena li għaddiet, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hi li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u afidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq, u tħares l-istabilità tas-settur finazjarju għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,300 fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li jifforma 11% tal-Prodott Domestiku Gross ta' Malta.